

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2017/1325

tas-17 ta' Lulju 2017

li jemenda r-Regolament (UE) 2016/44 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1333 tal-31 ta' Lulju 2015 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja u li tħassar id-Deċiżjoni 2011/137/PESK ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/44 tat-18 ta' Jannar 2016 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 204/2011 ⁽²⁾,

Billi:

- (1) Fis-6 ta' Frar 2017, il-Kunsill innota li l-faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali u t-traffikar tal-bnedmin jikkontribwixxi biex jiddestabilizza s-sitwazzjoni politika u tas-sigurtà fil-Libja.
- (2) Fis-17 ta' Lulju 2017, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2017/1338 ⁽³⁾, li tapplika restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' ċerti oġġetti fil-Libja li jistgħu jintużaw għall-faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali u t-traffikar tal-bnedmin.
- (3) Hemm bżonn ta' azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni sabiex il-miżuri jiġu implimentati, partikolarment bl-għan li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħhom mill-operaturi ekonomiċi fl-Istati Membri kollha.
- (4) Għaldaqstant, ir-Regolament (UE) 2016/44 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) 2016/44 huwa emendat kif ġej:

- (1) Jddahhal l-Artikolu li ġej:

“Artikolu 2a

1. Għandha tkun meħtieġa awtorizzazzjoni minn qabel:

- (a) għall-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, b'mod dirett jew indirett, tal-oġġetti indikati fl-Anness VII, kemm jekk joriġinaw fl-Unjoni kif ukoll jekk le, lil kull persuna, entità jew korp fil-Libja, jew għall-użu fil-Libja;

⁽¹⁾ ĠUL 206, 1.8.2015, p. 34.

⁽²⁾ ĠUL 12, 19.1.2016, p. 1.

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1338 tas-17 ta' Lulju 2017 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja (ara l-paġna 49 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

- (b) għall-forniment ta' assistenza teknika jew servizzi ta' senserija relatati mal-oġġetti indikati fl-Anness VII jew relatati mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' tali oġġetti, direttament jew indirettament, lil kull persuna, entità jew korp fil-Libja jew għal użu fil-Libja;
- (c) għall-forniment ta' finanzjament jew għajjuna finanzjarja relatati mal-oġġetti indikati fl-Anness VII, inkluż b'mod partikolari għotjiet, self u assigurazzjoni ta' krediti għall-esportazzjoni, għal kull bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' dawn l-oġġetti, jew għal kull għoti ta' għajjuna teknika relatata jew servizzi ta' senserija, b'mod dirett jew indirett, lil kull persuna, entità jew korp fil-Libja jew għal użu fil-Libja.
2. L-Anness VII għandu jinkludi l-oġġetti li jistgħu jintużaw għall-faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali u t-traffikar tal-bnedmin.
3. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għall-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, direttament jew indirettament, tal-oġġetti indikati fl-Anness VII, u lanqas għall-forniment ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija, finanzjament jew għajjuna finanzjarja relatati ma' dawg l-oġġetti minn awtoritajiet ta' Stati Membri lill-gvern Libjan.
4. L-awtorità kompetenti kkonċernata ma għandhiex tagħti l-awtorizzazzjoni għall-oġġetti msemmija fil-paragrafu 1 meta jkun hemm raġunijiet fondati biex wieħed jemmin li l-oġġetti jintużaw għall-fini tal-faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali u t-traffikar tal-bnedmin.
5. Fejn awtorità kompetenti elenkata fl-Anness IV tiċħad li tagħti awtorizzazzjoni, jew tannulla, tissospendi, timmodifika sostantivament jew tirrevoka awtorizzazzjoni f'konformità ma' dan l-Artikolu, l-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni b'dan u jiskambja magħhom l-informazzjoni rilevanti.”.

(2) Fl-Artikolu 20, jiddaħħal il-punt li ġej:

- “(c) temenda l-Anness VII jiġi tirfina jew tadatta l-lista ta' prodotti inklużi li jistgħu jintużaw għall-faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali u t-traffikar tal-bnedmin jew sabiex taġġorna l-kodiċijiet tan-nomenklatura min-Nomenklatura Magħquda kif stabbilit fl-Anness I għar-Regolament (KEE) Nru 2658/87.”.

Artikolu 2

It-test indikati fl-Anness għal dan ir-Regolament għandu jiddaħħal bħala l-Anness VII għar-Regolament (UE) 2016/44.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Lulju 2017.

Għall-Kunsill
Il-President
F. MOGHERINI

ANNEX

“ANNEX VII

Oġġetti li jistgħu jintużaw għall-faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali u t-traffikar ta' bnedmin kif imsemmi fl-Artikolu 2a

NOTA TA' SPJEGAZZJONI

Il-kodiċijiet tan-Nomenklatura huma meħuda min-Nomenklatura Magħquda (NM) kif definit fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tariffarja u statistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni u huma indikati fl-Anness I għalih, li huma validi fiż-żmien tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament u, *mutatis mutandis*, kif emendat minn leġislazzjoni sussegwenti.

	Kodiċi NM	Deskrizzjoni
	8407 21	magni outboard għall-propulsjoni fuq il-baħar (spark ignition)
Ex	8408 10	magni outboard għall-propulsjoni fuq il-baħar (compression ignition)
Ex	8501 31	Magni outboard tal-elettriku għall-propulsjoni fuq il-baħar, bi produzzjoni ta' mhux aktar minn 750 W
Ex	8501 32	Magni outboard tal-elettriku għall-propulsjoni fuq il-baħar, bi produzzjoni ta' aktar minn 750 W iżda mhux aktar minn 75 kW
Ex	8903 10	bastimenti pnevmatiċi għall-passatemp jew l-isports
Ex	8903 99	dgħajjes bil-mutur outboard”